MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru 22/2008

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 22/2008**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**Alberto Alessandro Bafumi**

***... omissis ...***

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-12 ta’ Diċembru 2008 kontra Alberto Alessandro Bafumi u *omissis* li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Alberto Alessandro Bafumi u *omissis* talli (1) assoċjaw ruħhom ma’ xi persuna jew persuni oħra f’Malta u barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina f’dawn il-Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) jew ippromovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni; (2) ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokaina kontra l-liġi; (3) kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokaina kontra l-liġi, taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta’ l-20 ta’ Mejju 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imsemmi Alberto Alessandro Bafumi debitament reġistrata u li fiha huwa ppersista anke wara li ġie debitament imwissi minn dik il-Qorti bl-aktar mod solenni skond l-artikolu 453 tal-Kodiċi Kriminali, iddikjaratu hati skond it-tliet kapi ta’ l-imsemmi Att ta’ Akkuża, u cioe` talli:

1. bejn Jannar u Frar 2007 assoċja ruħu ma’ xi persuna jew persuni oħra f’Malta u barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f’dawn il -Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) jew ippromova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuża;

2. f’Ottubru u Diċembru 2006, ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina speċifikata fir-Raba’ Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta’ Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għal-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr

ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża;

3. fl-1 ta' Frar 2007, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina li għaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu, u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(f)(2)(a)(i)(ii)(1A)(1B)(2)(A)(i)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u r-regoli 4(a) u 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati, Alberto Alessandro Bafumi għall-piena komplessiva ta' għaxar (10) snin priġunerija, u multa ta' tlieta u għoxrin elf u ħames mitt Euro (€23,500) li jekk ma titħallasx puntwalment, tiġi konvertita f'terminu ta' tmintax-il xahar priġunerija kif ukoll ikkundannatu jħallas is-somma ta' tlett elef mija u tnax-il Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€3,112.72), rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali; ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u

mmobbli oħra tal-ħati; inoltre ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota – li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata – li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-ispiżjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' l-Ewwel Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati. Dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

**"Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;**

**"Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie ffurmat il-ġuri, li pero` ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alberto Alessandro Bafumi ppreżentat fit-13 ta' Ġunju 2011 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu ħati; u (2) tirriformaha fil-parti fejn ikkundannatu għal terminu ta' priġunerija t'għaxar snin u għal multa ta' tlieta u għoxrin elf u ħames mitt euro (€23,500), u minflok tinfliġġi piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-każ in eżami; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis eċċessiva. Skond l-appellant huwa għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-massimu possibbli, u inoltre għandu jittieħed kont tal-purita` baxxa tal-kokaina in kwistjoni. L-appellant jibda biex jagħmel numru ta’ osservazzjonijiet fir-rikors ta’ appell dwar l-applikabilita` ta’ l-imsemmi artikolu 29:

“Illi meta wieħed jifli l-proċess tal-każ odjern, ma jistax ma jinnotax ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-sitta (6) ta’ Lulju 2007, mil-liema rikors jidher b’mod ċar għall-aħħar li permezz tal-kooperazzjoni tal-appellant mal-Pulizija Eżekuttiva – u b’mod partikolari tal-fatt li l-appellant semma diversi persuni li kienu ssuplixxew id-droga misjuba dakinhar tar-reat – din tal-aħħar setgħet tidentifika terzi nvoluti fid-droga.

“Illi tali rikors jindika li l-informazzjoni fornuta mill-appellant ma kinitx xi informazzjoni superfiċjali li kien jaf biha kulħadd, iżda kienet informazzjoni ċara u diretta, li kienet tindika l-identita` ta’ żewġ (2) persuni li fornew id-droga fil-każ in eżami u li effettivament waslet sabiex ikunu jistgħu jittieħdu proċeduri penali fil-konfront tal-persuni minnu hekk indikati;

“Illi inoltre, l-appellant żvela wkoll l-identita` ta’ persuna oħra – *omissis* – li hija nvoluta fit-traffikar tad-droga u b’hekk, b’kollox, l-appellant indika u kkoopera mal-Pulizija Eżekuttiva fir-rigward ta’ tliet (3) individwi differenti u għal kollox distinti minn xulxin;

“Illi di piu`, minn eżami tal-atti proċesswali, jidher ċar li *a tempo vergine*, l-appellant irrilaxxja stqarrija fejn huwa bl-ebda mod m’oġġezzjona għall-fatti li kienu qed jiġu attribwiti lilu, anzi sa mill-bidu nett stqarr mal-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva x’kien l-involviment tiegħu fir-reat;

“Illi madanakollu, l-assistenza fornuta mill-appellant ma kinitx limitata biss għall-istqarrija li ġiet rilaxxjata minnu, iżda kkulminat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fejn l-appellant, minn jeddu, stqarr dwar l-involviment tiegħu fir-

reat u ndika b'mod ċar min kienu n-nies l-oħrajn li kienu fornew id-droga nvoluta fir-reat in eżami;

"Illi huwa fatt ben risaput li l-livell probatorju ta' stqarrija mogħtija quddiem Maġistrat Inkwirenti huwa wieħed għoli ħafna u tali forma ta' stqarrija hija ekwiparabbli ma' xiehda mogħtija bil-ġurament quddiem Qorti, u dan ai termini tal-artikolu 549(4) u l-artikolu 550 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi inoltre, l-appellant ma waqafx hawn, iżda meta ma kienx fi stat fejn seta' jindika l-isem ta' persuna partikolari, liema persuna għamel riferenza għaliha bħala *'wieħed ta' kulur iswed, jidher illi huwa Afrikan'*, huwa identifika mingħajr l-ebda riserva lill-istess persuna waqt *identification parade*.

"Illi in kwantu għall-persuna l-oħra ndikata mill-appellant, huwa għamel riferenza għal ċertu Philip li kien jaħdem miegħu u li kunjomu ma kienx jafu, liema persuna setgħet tiġi faċilment identifikata mill-Pulizija Eżekuttiva stante li l-appellant kien indika fejn kien il-post tax-xogħol tiegħu;

"Illi minn dawn il-fatti suesposti, ma jistax jibqa' dubju dwar kemm kien ta assistenza lill-Pulizija Eżekuttiva l-appellant, u dwar kemm il-kollaborazzjoni tiegħu kienet utili sabiex setgħu jittieħdu passi fil-konfront ta' dawn iż-żewġ persuni minnu ndikati".

**6.** L-appellant jirreferi għax-xiehda li ta s-Supretendent Norbert Ciappara quddiem il-Qorti Kriminali fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011 fejn stqarr li l-prosekuzzjoni m'għandha l-ebda oġġezzjoni li l-appellant jibbenefika mill-artrikolu 29 tal-Kap. 101. Jgħid li m'hemm l-ebda dubju li għen lill-Pulizija hekk kif maħsub mill-artikolu 29 imsemmi u għalhekk għandu jibbenefika minn tnaqqis kemm fil-piena karċerarja kif ukoll f'dik li hi l-multa. L-appellant ikompli:

"Illi fil-każ in eżami, meta l-Onorabbli Qorti Kriminali ġiet biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, waqfet biss mal-fatt li l-appellant irreġistra ammissjoni u ma ħaditx in konsiderazzjoni x-xiehda li kellha quddiemha,

b’mod partikolari dik tas-Supretendent Norbert Ciappara, mil-liema xiehda jidher ċar kemm l-appellant ikkollabora mal-Pulizija Eżekuttiva, u anke li wassal lill-istess Pulizija sabiex tkun tista’ tipproċedi fil-konfront ta’ terzi persuni;

“....

“Illi minkejja r-riferenza li saret għall-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta kemm mill-imsemmi Supretendent Norbert Ciappara u kif ukoll mid-difiża waqt it-trattazzjoni tal-każ, fl-ebda parti tas-sentenza appellata ma jidher illi dan l-artikolu ttieħed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Onorabbli Qorti meta din ġiet sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, u dan lanqas fil-lista twila ta’ artikoli ndikati mill-Ewwel Onorabbli Qorti li ddikjarat li rat qabel ma għaddiet biex timponi l-piena;

“....

“Illi di piu`, fost l-artikoli hekk indikati, hemm l-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) u allura jsegwi li l-Qorti Kriminali qieset l-eta` tal-ħati, il-kondotta tiegħu, il-kwantita` u x-xorta ta’ droga u l-kwantita` tat-tagħmir jew materjali;

“Illi la l-Qorti Kriminali qieset dawn il-fatturi u ħasset il-bżonn li ssemmihom, il-fatt li ma semmiet imkien l-artikolu 29 jindika li dan ma ġiex applikat;

“Illi l-artikolu 29 jista’, minħabba n-natura straordinarja tiegħu, jissejjaħ artikolu speċjali, u bħala tali, meta jiġi applikat mill-Qorti, tali applikazzjoni għandha tiġi ndikata fis-sentenza”.

**7.** L-appellant, fid-dawl ta’ dan kollu, jissottometti illi ġaladarba ma jirriżultax illi l-Ewwel Qorti applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 101, din il-Qorti għandha tgħaddi biex tapplikaha u dan billi tnaqqas il-piena ta’ priġunerija b’żewġ gradi u l-multa bin-nofs.

**8.** Issa, waqt it-trattazzjoni quddiem dik il-Qorti l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta ssemmiet. Jiġifieri l-Qorti Kriminali kienet a

konoxxenza tal-fatt illi l-appellant kien qiegħed jippretendi tnaqqis fil-piena a tenur ta’ dak l-artikolu. Fis-sentenza appellata mhux biss l-imsemmi artikolu ma jissemma mkien, iżda lanqas ma hemm referenza għall-assistenza li l-appellant ta lill-Pulizija. Difatti kull ma tissemma fis-sentenza appellata hija l-ammissjoni ta’ l-appellant li ma qisitx bħala waħda bikrija. Għalkemm strettament mhuwiex mandatorju li jissemma dan l-artikolu, din il-Qorti dejjem irriteniet illi għandu jiġi dikjarat fis-sentenzi tal-Qrati ta’ ġurisdizzjoni kriminali jekk tali artikolu jkunx ġie applikat jew le u anke b’kemm-il grad ikun sar it-tnaqqis, u dan biex jiġu evitati ekwivoċi. Għalhekk jidher fil-każ odjern illi l-Ewwel Qorti ma qisitx tali artikolu applikabbli.

**9.** L-artikolu 29 tal-Kap 101 jipprovdi testwalment:

**“Meta dwar persuna misjuba ħatja ta’ reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b’terz jew b’nofs.”**

Huwa ovvju li hawnhekk il-liġi qed tipprospetta żewġ possibilitajiet: l-ewwel waħda meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara fil-proċess illi dik il-persuna li tkun qed titlob l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 29 tkun għenet lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, u t-tieni każ, fl-assenza ta’ tali dikjarazzjoni, l-istess persuna misjuba ħatja, tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-pulizija. F’każ il-wieħed jew l-ieħor, l-artikolu 29 jipprovdi għat-tnaqqis tal-piena billi fir-rigward ta’ priġunerija din titnaqqas bi grad wieħed jew tnejn, u fir-rigward ta’ piena pekunjarja b’terz jew b’nofs.

**10.** Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sandro Mifsud** tat-2 ta’ Awissu 1999, din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha qalet hekk fir-rigward ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101:

**“Kif din il-Qorti diġa` kellha l-opportunita` li tfisser f’sentenzi oħra, biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta’ grad jew tnejn fil-piena ta’ priġunerija (u riduzzjoni ta’ terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux biżżejjed li dak li jkun isemmi l-persuna mingħand min ikun xtara d-droga; irid jirriżulta li b’dik l-informazzjoni l-akkużat ikun effettivament għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Jekk minkejja dik l-għajnuna, il-pulizija ma jkollhiex provi biżżejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna indikata tkun diġa` nqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma’ mill-akkużat, ma jkunx jista’ jingħad li l-akkużat ikun għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Altrimenti faċilment jiġri li, biex persuna tnaqqas mill-piena tagħha, tibda ssemmi ismijiet ta’ nies li jistgħu jkunu innoċenti, jew l-ismijiet ta’ nies li tkun taf li diġa` nqabdu in konnessjoni mal-bejgħ ta’ droga lilha.”**

**11.** Din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza tagħha **The Republic of Malta v. Kamil Kurucu** ta’ l-14 ta’ Gunju 2007 ukoll qalet:

**“So that a person may benefit from the reduction in punishment contemplated in section 29, it is therefore not enough that he mentions the supplier. It has to result that, through such information, the accused has effectively helped the Police to apprehend the supplier. If, notwithstanding such information, the Police did not have sufficient evidence to charge the person mentioned in Court, or if the person mentioned had already been apprehended by the Police before the accused mentioned him, it cannot then be said that the accused helped the Police to apprehend the supplier. Otherwise one could envisage situations where, in order that a person may benefit from a reduction in punishment, he might mention the names of persons who might be innocent, or the names of persons he might know to have already been apprehended in connection with**

**dealing in drugs, or provide false or erroneous indications.**[1]

**12.** Fil-każ odjern mix-xiehda li s-Supretendent Norbert Ciappara ta quddiem din il-Qorti jirriżulta illi l-Pulizija kienu qegħdin jinvestigaw lil ċertu Gordon Ohebu. Meta ssuspettaw li kienu qegħdin isiru ċerti transazzjonijiet, il-Pulizija għamlet *raid* u nqabdu l-appellant u *omissis*. L-appellant ikkoopera mill-ewwel u ndika persuna oħra li kontra tagħha għadhom ma tteħdux passi (li allegatament kienet il-persuna li pprovdiet kampjun ta' kokaina) u lill-imsemmi Gordon Ohebu (li allegatament issupplixxa l-kokaina maqbuda). Fil-mori ta' l-appell, l-appellant xehed kontra Ohebu. Barra minn hekk l-appellant kien xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, *inter alia* fis-sens illi kien akkwista kokaina mingħand l-imsemmi *omissis*.

**13.** Jiġifieri s-Supretendent Norbert Ciappara kien korrett meta xehed illi l-appellant seta' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament fejn jirrigwarda min issupplhielu l-kokaina għall-użu tiegħu u min għaddhielu l-kampjun. Għalhekk l-ewwel ilment ta' l-appellant huwa ġustifikat u din il-Qorti sejra tipprovdi dwaru fid-*decide*.

**14.** L-appellant jissottometti wkoll illi għandu jiġi kkunsidrat tnaqqis fil-piena in vista tal-purita` baxxa tal-kokaina. Jgħid illi l-purita` tad-droga hija element importanti ferm li ma jistax jitħalla barra meta Qorti tkun qed tikkunsidra l-piena. Jirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Alex Mallia** mogħtija fid-19 ta' Ġunju 2008 u dik ta' din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Darren Debono** mogħtija fl-24 ta' Jannar 2011 u **Il-Pulizija v. Martin Farrugia** mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2008. Skond l-appellant iżjed ma kampjun tad-droga jkollu livell ta' purita` għoli, iżjed jista' jiġi mħallat u maqsum f'dożi iżgħar, filwaqt illi fejn il-purita` tkun inferjuri, id-dożi li jinħarġu jkunu inqas. Jgħid

[1] See Criminal Appeals **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antoine Debattista**, 19th January 2006; **Il-Pulizija v. Dennis Cuschieri**, 7th January 1999; **Il-Pulizija v. Sandro Mifsud**, 2nd August 1999; **Il-Pulizija v. Philippa sive Filippa Chircop**, 2 ta' Marzu 2007.

illi kieku l-purita` ma kinitx fattur rilevanti, il-Qrati ma kinux jinkarigaw esperti biex jiddeterminaw il-purita`.

**15.** Għalkemm l-appellant għamel enfażi fuq il-każ **Il-Pulizija v. Martin Farrugia** peress illi kienet il-purita` baxxa li influwixxiet fuq temperament fil-piena, dak li ma qalx l-appellant hu li f'dak il-każ il-Qorti kkummentat li "dan kien każ pjuttost insolitu, stante li hawn si trattava ta' 36.94 g. ta' purita` estremament baxxa ta' 3%. Dan ifisser li l-ammont effettiv ta' kokaina fil-fatt kien ta' 1.1082 g." Fil-każ in eżami l-ammont involut kien ta' kważi kilo ta' purita` ta' 18.76% (u li skond ix-xiehda ta' l-appellant tħallset għaliha s-somma ta' Lm21,340). Huwa minnu li dan kien perċentwal *on the low side*, iżda ma kien ikun hemm xejn x'iżomm lill-akkwirenti milli jagħmlu *cutting* ta' l-ammont minnhom akkwistat. Difatti fl-esperjenza tagħha din il-Qorti għadha ma rriskontratx każijiet fejn traffikanti lokali analiżżaw il-purita` tad-droga qabel ma "kkattjawha" jew qabel ma qasmuha f'dożi. Imbagħad il-bejgħ ta' dożi lil min juża mhuwiex solitament ibbażat fuq il-kriterju tal-purita` iżda dak tal-piż. Għalhekk fil-każ in eżami ma hemmx lok illi tingħata aktar konsiderazzjoni għall-kriterju tal-purita`.

**16.** Konsegwentement it-tieni lment ta' l-appellant qiegħed jiġi miċħud.

**17.** Issa, il-piena mitluba fl-Att ta' Akkuża kienet dik ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija u disgħa u sittin euro. Fil-każ in eżami huwa ovvju illi l-Qorti Kriminali ma qisitx illi kellha tingħata l-piena ta' priġunerija għall-għomor, għalkemm ma qalitx hekk *expressis verbis* fis-sentenza. Il-fatt illi applikat piena determinata, pero`, ifisser illi l-piena ta' priġunerija applikabbli kienet dik ta' minimu ta' erba' snin u massimu ta' tletin sena. L-Ewwel Qorti ddeterminat, mingħajr ma applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-piena kellha tkun dik ta' għaxar snin priġunerija u multa ta' tlieta u għoxrin elf u ħames mitt Euro (€23,500). Kif intqal l-artikolu 29 huwa applikabbli, u din il-Qorti qed

tiddetermina li t-tnaqqis a tenur ta’ dak l-artikolu għandu jkun fi grad wieħed. Peress illi l-piena ta’ għaxar snin taqa’ fit-tielet grad (art. 31(1)(b)(iii) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta) l-inżul se jsir għar-raba’ grad (art. 31(1)(b)(iv) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta). Kwantu għall-multa, ma tara li għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis, iżda kemm-il darba ma titħallasx, għandha tiġi konvertita fi priġunerija ta’ sena skond il-*proviso* tas-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 11 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u mhux f’perijodu ta’ tmintax-il xahar.

**18.** Għal dawn il-motivi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għall-piena ta’ għaxar (10) snin priġunerija, u minflok tikkundannah disa’ snin priġunerija, tirrevokaha wkoll in kwantu ordnat li jekk il-multa ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita f’terminu ta’ tmintax-il xahar priġunerija, u minflok tordna li jekk ma titħallasx puntwalment, tiġi konvertita f’terminu ta’ sena priġunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li in vista tan-nota ta’ l-Avukat Ġenerali tas-26 ta’ Mejju 2011 ippreżentata quddiem il-Qorti Kriminali fejn talab li l-esibiti u dokumenti jiġu kollha preservati u partikolarment li d-droga ma tiġix distrutta minħabba li l-istess esibiti jifformaw parti integrali f’ġuri li għad irid jinstema’, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x’jaqsmu magħha jiġu preservati u ma jiġux distrutti f’dan l-istadju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------